# "Bix-Xbiek tal-Imħabba"
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Awwissu 2024

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

O Ġesù, tifkirtek ħelwa
timla' 'l qalbna b'ferħ is-sema;
iżda oħla wisq mill-għasel
hi l-preżenza tiegħek fostna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jekk inlissnu jew nisimgħu
l-isem tiegħek Ġesù twajjeb,
jekk indawwru ħsiebna fuqu,
dlonk kull għaxqa nġarrbu f'ruħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int il-hena tal-qalb tagħna,
għajn tas-sewwa, dawl ta' ruħna;
inti tisboq kull ferħ ieħor
u kull xewqa ta' did-dinja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Meta tiġi żżur lil qalbna,
dawl is-sewwa jiddi fuqha,
il-frugħat li jgħibu tmaqdar,
u titħeġġeġ b'nar l-imħabba.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Xerred fuqna l-maħfra tiegħek,
biex ngħożżuk, Ġesù, fuq kollox;
u mexxina lejk bil-ħeffa,
sa narawk fil-glorja tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Infaħħruk, Ġesù, Bin Alla
għaxqa w għożża ta' Missierek,
li bl-Ispirtu wriek lid-dinja
bħala d-dija tas-sebħ tiegħu. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

> Alla jaf li l-bniedem jinġibed lejn min jagħmillu l-ġid, u għalhekk ried jagħtih id-doni tiegħu biex iħajru jintrabat miegħu bl-imħabba: "Irrid

> naqbad lill-bnedmin għal imħabbti bl-istess xbiek li huma stess iħallu ’l min jaqbadhom: bix-xbiek tal-imħabba”. (*Praxis Amandi Jesum Christum*, 1.3)

Hekk ħallielna miktub San Alfons Maria de Liguori, li t-tifkira tiegħu tiftaħ ix-xahar ta’ Awwissu. Jistħajjel lil Alla jiddelibera bl-imħabba, daqslikieku xi ġuvni li jrid juri lil tfajla li jħobbha u jagħmel minn kollox biex jiġbidha lejh. Hija anke xbieha li nassoċjawha mas-sajf bil-libertà u l-avventuri li jġib miegħu għal dawk fil-fjur ta’ ħajjithom.
Anke l-istess xbiek jiffurmaw parti mix-xenarju sajfi ta’ baħar, dgħajjes, sajd u għawm. Imma hija tassew paradossali kif ix-xibka—xi ħaġa li tonsob, taqbad f’nassa, tisraq il-libertà—issir xbieha tal-imħabba li, meta tkun ġenwina, mhux talli ma toħnoqx il-libertà talli tagħmel lill-bniedem iktar liberu għax proprju fir-rabta tal-imħabba tiġi espressa għażla mill-iktar libera u intima tar-rieda u l-qalb tal-bniedem. Mhux ta’ b’xejn li, f’waħda mill-parabboli dwar is-Saltna tas-Smewwiet li nsibu fl-Evanġelju skont San Mattew, Kristu juża t-tixbiha tax-xibka biex ifisser id-dirgħajn miftuħin ta’ Alla li jrid iħaddan lil kulħadd fis-Saltna tal-imħabba tiegħu, u jippermetti li jinqabad fiha minn kollox għax irid jagħti opportunità lil kulħadd biex isalva. Għax barra mill-qalb ta’ Alla m’hemmx imħabba u lanqas ma hemm libertà vera li twassalna għall-milja tagħna. Hemm biss biki ta’ niket iddisprat u rabja li tgħażżeż snienha għax tibqa’ tirrifjuta li tinħataf mill-imħabba u tistrieħ fiha.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** (13, 47-50)
F’dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: “Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil xibka mitfugħa l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin. Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.”

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Tifħir lilek, Kristu.

“Bix-xbiek tal-imħabba!” Kemm hi qawwija din il-frażi ta’ San Alfons, Mulej. U daqstant ieħor qawwija t-tixbiha tiegħek dwar is-Saltna bħala xibka, iktar u iktar meta tqis li, inti u tqalleb il-paġni tal-Kotba Mqaddsa, ma ssib imkien użu pożittiv tal-kliem “xibka” u “xbiek”. Ix-xbiek huma dejjem simbolu tal-kastig jew tal-jasar. Daqqa huwa l-poplu l-magħżul tiegħek li jaqa’ fix-xibka tal-idolatrija u l-pragmatiżmu politiku. Ġieli din il-kundanna hija mistqarra mil-leħen profetiku li jwassal dak li għandek xi tgħid inti. Drabi oħra hija talba mill-bniedem ġust jew mill-poplu stess biex jiġi meħlus mix-xibka tal-għedewwa. U, meta nsibuha

f'Salmi ta' tifħir u radd il-ħajr, dan għaliex inti tkun smajt din il-karba u ħennejt għalihom, l-aktar fejn il-ġusti qegħdin ibatu bla ħtija.
F'din il-parabbola li ssemmgħalna int, Mulej Ġesù, nistgħu ngħidu li x-xibka hija xi ftit dan kollu għax dawn kollha jidħlu fir-realtà dinamika li hi s-Saltna tas-Smewwiet. Anzi, nistgħu ngħidu li inti stess ix-xibka li fdiet l-umanità kollha u allura taqbad kollox fiha ... fidwa li seħħet meta ħadt fuqek ħtijiet l-umanità u ġarrabt inti l-biki u t-tgħażżiż tas-snien għax ridt teħlisna minnu.
Imma, għax is-Saltna tas-Smewwiet timplika wkoll ġudizzju, għażla bejn dak li hu tas-sema u dak li mhuwiex, se jkun hemm dawk li ma jsalvawx b'għażla tagħhom li jiċħdu x-xibka tal-imħabba tiegħek. Kif għedt lil Nikodemu f'waħda mil-laqgħat tagħkom billejl:

> Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu. Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla. U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin. (Ġw 3, 17-19).

Mulej Ġesù, kif aħna hawn miġburin quddiemek, nixtiequ rroddulek ħajr talli rnexxielek taqbadna fix-xibka tas-Saltna tiegħek, li hi l-Knisja. Irroddulek ħajr talli anke dak li f'għajnejna deher ħażin jew ta' niket, inti nqdejt bih bħal donnu xibka mhux biex tonsobna b'kastig imma biex tiġbidna iktar lejk għax aħna ma nistgħux insibu l-milja 'l bogħod jew 'il barra minnek. Infaħħruk għax inti ma tehdiex tiġri warajna, anke meta jirnexxilna niżgiċċaw u niżolqu mit-toqob tax-xibka għax nagħżlu d-dlam ta' qiegħ il-baħar flok id-dawl tal-preżenza tiegħek. Insebbħuk, Mulej Ġesù, għax tibqa' ttawwal kemm tista' biex isseħħ l-għażla aħħarija u tibqa' tagħtina ċans sal-aħħar biex ninqabdu fix-xbiek tal-imħabba tiegħek. Forsi nirraġunaw li, ġaladarba aħna membri tal-Knisja, allura, kif ngħidu bil-Malti, "ġewwa x-xileb." Imma, tassew, kemm fadlilna x'nikkonvertu! Kemm drabi nsibu ruħna qed nitbiegħdu minnek ukoll jekk riġlejna ta' spiss iġibuna hawn! Agħdirna, Mulej, u ibqa' stadna. U mhux lilna biss, imma lill-bnedmin kollha, kull fejn jinsabu, u bi kwalunkwe mezz possibbli, ħalli fl-aħħar inkunu lkoll li ngawdu l-eternità għal dejjem miegħek.

## Innu Ewkaristiku

Ejjew intennu t-tifħir tagħna permezz ta' Salm 124, billi flimkien inwieġbu: ***L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.***

Li ma kienx il-Mulej magħna
—ħa jgħid hekk Iżrael—
li ma kienx il-Mulej magħna,
meta qamu għalina n-nies,

ħajjin kienu jibilgħuna,
meta nxtegħlu bl-għadab għalina. *R/.*

L-ilma kien jgħerriqna,
il-wied kien jgħaddi minn fuqna;
minn fuqna kien jgħaddi
mewġ tal-ilma qawwi.
Imbierek il-Mulej,
li ma telaqniex priża għal snienhom. *R/.*

Ħajjitna bħal għasfur ħelset mix-xbiek tan-nassaba.
Ix-xibka tqattgħet, u aħna ħrabna.
L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej,
li għamel is-sema u l-art. *R/.*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, mill-kliem li nisimgħuk tlissen fl-Evanġelji, nindunaw ukoll li barra anġli li jagħżlu l-qabda f'jum il-ħaqq, inti wkoll issejjaħ sajjieda tal-bnedmin sabiex permezz tagħhom ix-xibka tal-Knisja timtela u toktor. L-ewwel dixxipli tiegħek kienu sajjieda. Bi kmand ħelu imma sod, tlabthom jitilqu x-xbiek li bih kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom u jiġu warajk sabiex tagħmilhom sajjieda tal-bnedmin. Anzi San Luqa jagħtina rakkont iktar dettaljat: lil Pietru tordnalu biex jaqdef fil-fond u jkala x-xbiek il-baħar, u "qabdu kotra hekk kbira ta' ħut li x-xbiek tagħhom kien għoddu nqasam" (Lq 5, 6). Hekk tixtieqa l-Knisja int, Mulej: mimlija, kollha ħajja u ferħ, kultant kważi se tinqasam bit-tajjeb li inti tixtieq u twettaq biha permezz tagħna u ta' dawk li taħtarhom bħala ministri tiegħek u sajjieda tal-bnedmin. U, minkejja dan u minkejja l-firdiet li noħolqu bejnietna, ix-xibka xorta tibqa' ma tinqasamx għax hi s-Saltna tiegħek u mhux is-Saltna tal-prinċep ta' din id-dinja.
Għalhekk, kollna fiduċja se rressqulek it-talb ħerqan tagħna għall-Knisja u għall-umanità.

- Nitolbuk, Mulej Ġesù, għall-Papa Franġisku, għall-Isqfijiet tagħna Charles u Joseph, u għall-isqfijiet kollha sabiex bla heda jaqdu l-ministeru tagħhom b'fedeltà u dedikazzjoni sħiħa għas-Saltna tiegħek. Nitolbu.
- Dawwar ħarstek kollha ħniena lejn dawk li jużaw ix-xbiek tal-qerq u tal-qerda u misshom bl-imħabba tiegħek biex jagħrfu l-kruha ta' dak li qed jagħmlu u jduru lejk. Nitolbu.
- Nissel fina l-istess indiema ta' Pietru meta, quddiem dik il-qabda hekk kbira ta' ħut, qallek: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jiena raġel midneb!" sabiex bħalu wkoll infittxu li nintrabtu dejjem iktar miegħek. Nitolbu.

- Nitolbuk għal dawk li qiegħed issejħilhom biex ikunu sajjieda tal-bnedmin bħala saċerdoti jew biex iwettqu ħidma ta' evanġelizzazzjoni, ħalli d-dgħufija tagħhom ma taqtgħalhomx qalbhom imma jarawha bħala grazzja li biha inti tista' taħdem, bħall-ispazju bejn l-ispag tax-xbiek li mingħajru x-xibka ma teżistix. Nitolbu.
- Agħti qalb umli lil dawk li diġà fdajthom bil-missjoni li jkunu sajjieda tal-bnedmin sabiex jgħixu fl-għarfien li x-xibka hija tiegħek u li lill-bnedmin lejk iridu jwassluhom. Nitolbu.

Mulej Ġesù, tħallina qatt nitbiegħdu mix-xbiek tal-imħabba tiegħek, iżda nitolbuk tagħtina l-qawwa biex inħabirku ħalli x-xibka tas-Saltna tiegħek tkun tassew mimlija bi bnedmin minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali